Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2561/2001**

tas-17 ta' Diċembru 2001

li jimmira li jippromwovi l-konverżjoni ta' bastimenti tas-sajd li kienu dipendenti fuq il-ftehim tas-sajd mal-Marokk sa' l-1999

(OJ L 344, 28.12.2001, p. 17)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2372/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002	L 358	81	31.12.2002
►**M2**	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2325/2003 tas-17 ta' Diċembru 2003	L 345	25	31.12.2003

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2561/2001

tas-17 ta' Diċembru 2001

li jimmira li jippromwovi l-konverżjoni ta' bastimenti tas-sajd li kienu dipendenti fuq il-ftehim tas-sajd mal-Marokk sa' l-1999

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 36 u 37 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mressqa mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]);

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar ir-relazzjonijiet fir-rigward tas-sajd fil-baħar bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk (hawnhekk iżjed 'il quddiem "il-Ftehim dwar is-sajd mal-Marokk"), sar null u bla ebda effett wara t-30 ta' Novembru 1999. B'konsegwenza, numru sinifikanti ta' bastimenti tal-Komunità li joperaw fil-kuntest ta' dan il-qafas kienu mġiegħla li jwaqqfu l-attivitajiet tagħhom tas-sajd f'dk id-data.

(2) Is-sajjieda u s-sidien tal-bastimenti kkonċernati ibbenefikaw f'dan ir-rigward mill-konċessjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 16(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999 ([4]) bl-għajnuna ta' l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida fis-Sajd (FIFG), taħt il-kondizzjonijiet tad-deroga stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 1227/2001 ([5]).

(3) Huwa ġustifikat li tiġi mħajra, b'miżuri addattati fil-livell tal-Komunità, l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' konverżjoni tal-flotot konċernati kif approvati mill-Kummissjoni fit-18 ta' Ottubru 2000.

(4) Huwa meħtieġ li tiġi faċilitata l-attività permanenti ta' waqfien tal-bastimenti, jew billi jitkissru jew billi jiġu trasferiti lill-pajjiż terz, inkluż fil-qafas ta' intrapriżi konġunti. Huwa xieraq ukoll li jiġi ffaċilitat il-bdil tat-tagħmir tas-sajd għall-konverżjoni permanenti lejn attivitajiet oħra tas-sajd, tkun xi tkun l-età tal-bastiment ukoll jekk kien is-suġġett ta' għajnuna pubblika għall-kostruzzjoni.

(5) B'konsegwenza, hemm il-ħtieġa għal derogi minn ċerti disposizzjonijiet tar-Regolament (EC) Nru 2792/1999.

(6) Barra minn hekk, fl-ispirtu tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Nizza, l-Unjoni Ewropea għandha tesprimi s-solidarjetà tagħha ma' l-Istati Membri konċernati, permezz ta' sforz

([1]) ĠU C 270 E, tal-25.9.2001, p. 266.
([2]) Opinjoni mogħtija fi-15 ta' Novembru 2001 (*għada mhux* pubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali).
([3]) Opinjoni mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2001 (*għada mhux* pubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali).
([4]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2792/1999 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jippreskrivi r-regoli dettaljati għall-arranġamenti li jirrigwardjaw il-għajnuna strutturali Komunitarja fis-settur tas-sajd (ĠU L 337, tat-30.12.1999, p. 10). Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1451/2001 (ĠU L 198, tal-21.7.2001, p. 9).
([5]) Regolament (KE) Nru 2792/1999 tat-18 ta' Ġunju 2001 li jidderoga minn ċerti disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999 li jniżżel regoli dettaljati għall-arranġamenti li jirrigwardjaw il-għajnuna strutturali Komunitarja fis-settur tas-sajd (ĠU L 168, tat-23.6.2001, p. 1).

▼B

finanzjarju addizzjonali, b'żieda ma' l-ammonti magħmula disponibbli taħt l-intestatura 2 tal-perspettivi finanzjarji għall-estimi ta' l-Unjoni Ewropea, kif iffissati mill-Kunsill Ewropew ta' Berlin fil-25 ta' Marzu 1999.

(7) B'konsegwenza, għandha tiġi istitwita miżura speċifika tal-Komunità sabiex jiġu esegwiti l-approprijazzjonijiet in kwistjoni sabiex jiġu implimentati uħud mill-pjanijiet ta' konverżjoni, bil-ftehim li l-partijiet l-oħra ta' l-imsemmija pjanijiet ikollhom jitwettqu bl-għajnuna ta' l-approprjazzjonijiet FIFG.

(8) L-approprijazzjonijiet komplementari disponibbli għandhom jintużaw għall-miżura speċifika, min-naħa 'l waħda għar-ristrutturar tal-flotta, u min-naħa 'l oħra għall-irtirar kmieni tas-sajjieda jew għal taħriġ mill-ġdid, il-bogħod mis-sajd fil-baħar, skond pjanijiet soċjali ndividwali jew kollettivi.

(9) Il-miżura speċifika għandha tkun konsistenti mal-prinċipji ġenerali tal-politika strutturali fis-settur tas-sajd. B'mod partikolari, għandu jiġi evitat tgħawwiġ mad-disposizzjonijiet fis-seħħ għall-implimentazzjoni ta' l-approprijazzjonijiet FIFG. Pjan operazzjonali ta' amministrazzjoni għandu wkoll jiġi maħsub li jqarreb kemm jista' jkun għal dak fis-seħħ għall-Fondi Strutturali tal-Komunità, kif iffissat bir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 ([1]).

(10) Il-bastimenti li għandhom jaħdmu fl-ibħra internazzjonali jew fl-ibħra ta' pajjiżi terzi għandhom jirrispettaw bis-sħiħ il-liġi internazzjonali fir-rigward tal-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u b'mod partikolari l-Konvenzjoni tal-Ġnus Maqgħuda dwar il-Liġi tal-Baħar kif ukoll il-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Ikel u l-Agrikoltura tal-Ġnus Maqgħuda.

(11) Id-diversifikazzjoni soċjo-ekonomika taż-żoni kostali dipendenti fuq is-sajd naturalment tidħol fil-kuntest tal-programmi integrati operazzjonali ta' l-iżvilupp reġjonali u l-programmi multi-reġjonali li joħorġu mid-diversi qafas ta' sostenn tal-Komunità ta' l-Oġġettiv 1 tal-Fondi Strutturali għal Spanja u l-Portugall, ma' l-għajnuna finanzjarja tal-fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Fond Soċjali Ewropew u tal-Fond Ewropew ta' Gwida Agrikola u ta' Garanzija, Sezzjoni ta' Gwida. Taħt dawn il-kondizzjonijiet, mhux ġustifikat li jiġi maħsub xi intervent speċifiku immirat lejn din id-diversifikazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

ĠENERALI

Artikolu 1

1. Is-sajjieda u s-sidien ta' bastimenti li matul l-2000 u l-2001 kien ingħatalhom kumpens taħt l-Artikolu 16(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999, minħabba n-nuqqas ta' tiġdid tal-ftehim tas-sajd mal-Marokk, għal ta' l-anqas perjodu kumulattiv ta' sitt xhur ta' waqfien temporanju ta' l-attività, jistgħu jibbenefikaw minn miżuri temporanji ta' sostenn, taħt il-kondizzjonijiet u fil-limiti maħsuba minn dan ir-Regolament.

2. L-aktar tard fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni il-lista tal-bastimenti, bl-indikazzjoni tan-numru interni tagħhom, kif

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jippreskrivi disposizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, tas-26.6.1999, p. 1). Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1447/2001 (ĠU L 198, tal-21.7.2001, p. 1).

▼B

ukoll il-lista ta' l-ismijiet tas-sajjieda li jikkonformaw mal-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 tar-Regolament.

KAPITOLU II

MIŻURI TA' DEROGA

Artikolu 2

1. B'deroga mid-disposizzjonijiet imsemmija hawn taħt tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999, għajnuna pubblika lis-sidien tal-bastimenti u lis-sajjieda msemmija fl-Artikolu 1(1) għandha tingħata skond ir-regoli li ġejjin:

(a) fejn tingħata għajnuna pubblika għat-tkissir ta' bastiment:

(i) l-iskali msemmija fl-Artikolu 7(5)(a) għandhom jiżdiedu b'20 %;

(ii) id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 10(3)(b)(ii) u dawk ta' l-Anness III, punt 1.1(a) m'għandhomx japplikaw;

(b) fejn jingħata premium għat-trasferiment permanenti ta' bastiment lill-pajjiż terz, inkluż fil-każ ta' intrapriża konġunta:

(i) l-iskali msemmija fl-Artikolu 7(5)(a) għandhom jiżdiedu b'20 %;

(ii) id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 10(3)(b)(ii) u dawk ta' l-Anness III, punt 1.1(a) m'għandhomx japplikaw;

(iii) l-età minima tal-bastimenti msemmija fl-Artikolu 7(2) għandha titnaqqas għal ħames snin; għall-bastimenti ta' bejn il-5 u d-9 snin, iżda, il-premium ta' referenza, kif imsemmi fl-Artikolu 7 (5)(a), għandu japplika għall-bastimenti ta' bejn l-10 u l-15-il sena. Dan il-premium għandu jitnaqqas b'parti ta' l-ammont riċevut qabel f' każ ta' għajnuna mogħtija għall-kostruzzjoni u/jew modernizzazzjoni; din il-parti għandha tiġi kalkolata pro rata temporis għall-perjodu ta' 10 snin (fil-każ ta' għajnuna għall-kostruzzjoni) jew perjodu ta' 5 snin (fil-każ ta' għajnuna għall-modernizzazzjoni) li jiġi qabel it-trasferiment permanenti;

(ċ) f' każ tal-konverżjoni permanenti tal-bastiment għal attività oħra tas-sajd li teħtieġ bidla fit-teknika tas-sajd, il-bdil tat-tagħmir tas-sajd jista' jkun is-suġġett ta' għajnuna pubblika bħala moderizzazzjoni tal-bastiment, taħt il-kondizzjonijiet ta' deroga li ġejjin:

(i) l-aħħar subparagrafu ta' l-Anness III, punt 1.4, m' għandux japplika;

(i) l-iskali msemmija fl-Artikolu 9(4)(b) għandhom jiżdiedu bi 30 %;

(iii) id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 10(3)(a) m'għandhomx japplikaw;

▼M2

(d) fil-każ ta' pagament ta' somma ta' flus individwali lill-sajjied:

(i) l-ispiża massimaa eliġibbli msejħa fl-Artikolu 12(3)(b) u (ċ) għandha tiġi miżjuda bi 20 %;

(ii) il-ħtieġa stabbilita fl-Artikolu 12(3)(b) li benefiċjarji għandhom jkunu mpjegati fuq bastiment tas-sajd li waqaf l-attività tiegħu b'mod permanenti fis-sens ta' l-Artikolu 7 m'għandhiex tapplika;

(iii) il-perjodu ta' inqas minn sena waħda msejjaħ fl-Artikolu 12(4) (ċ) għandu jibda mill-1 ta' Jannar 2002.

▼M2

▼M2

2. Ir-regoli tad-deroga stabbiliti fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw biss għal premiums u għajnuna pubblika li ġew mogħtija taħt deċiżjoni amministrattiva mill-awtoritajiet imsejħin fl-Artikolu 6, meħudin bejn l-1 ta' Lulju 2001 u t-30 ta' Ġunju 2003. Dan il-perjodu għandu jiġi miżjud sat-30 ta' Ġunju 2004 għall-premiums imsejħin fl-Artikolu 12 (3)(a), (b) u (ċ).

▼B

3. Is-sidien tal-bastimenti m'għandhomx ikunu aktar eliġibbli għall-kumpens għall-waqfien temporanju ta' l-attività msemmija fl-Artikolu 1 mid-data tad-deċiżjoni amministrattiva li jingħata premium għall-waqfien permanenti ta' l-attività jew għajnuna pubblika għall-modernizzazzjoni tal-bastiment konċernat, li tkun ittieħdet skond il-modalitajiet ipprovduti fil-paragrafu 1.

F' każ ta' ħlas bil-quddiem ta' dan il-kumpens, kull ammont imħallas żejjed għandu jitnaqqas mill-premium għall-waqfien permanenti jew mill-għajnuna pubblika għall-modernizzazzjoni, mogħtija għall-bastiment konċernat.

KAPITOLU III

MIŻURI SPEĊIFIĊI

Artikolu 3

1. Azzjoni speċifika tal-Komunità hija b'daqshekk imwaqqfa (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "din l-azzjoni") immirata li tissupplimenta l-azzjonijiet fil-kuntest ta' l-intervent tal-Fondi Strutturali f-Istati Membri konċernati minħabba n-nuqqas ta' tiġdid tal-ftehim dwar is-sajd mal-Marokk.

2. Din l-azzjoni:

(a) għandha tkun esklussivament riżervata għas-sidien tal-bastimenti u għas-sajjieda msemmija fl-Artikolu 1(1);

(b) tkopri rispettivament:

(i) il-miżuri tal-waqfien permanenti ta' l-attivitajiet tas-sajd skond it-tifsira ta' l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999;

(ii) il-miżuri ta' modernizzazzjoni ta' bastimenti skond it-tifsira ta' l-Artikolu 9(1) ta' l-istess regolament; u

(iii) il-miżuri ta' natura soċjo-ekonomika, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 12(3)(a), (b) u (ċ), ta' l-istess Regolament;

(ċ) għandhom ikunu is-suġġett tal-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999.

3. L-ammont ta' għajnuna tal-Komunità allokata lill-miżuri varji ta' din l-azzjoni għandu jkun kif ġej, espress bħala persentaġġ ta' l-ammont globali msemmija fl-Artikolu 5(1):

(a) it-tifrik ta' bastimenti u t-tqegħid mill-ġdid ta' bastimenti għal skopijiet oħra ħlief għas-sajd: minimu ta' 40 % ta' l-ammont globali;

(b) it-trasferiment permanenti ta' bastimenti lill-pajjiżi terzi, inklużi fil-qafas ta' intrapriża konġunta, u l-modernizzazzjoni ta' bastimenti: massimu ta' 28 % ta l-ammont globali;

(ċ) miżuri soċjo-ekonomiċi: minimu ta' 32 % ta' l-ammont globali.

Artikolu 4

1. *Mutatis mutandis*, id-disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999 għandhom jgħoddu għall-implimentazzjoni ta' din l-

▼B

azzjoni, taħt id-disposizzjonijiet u l-kondizzjonijiet tad-deroga mniżżla fil-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) il-limitu tad-data tad-deċiżjoni amministrattiva li tingħata l-għajnuna;

(b) in-notifika ta' l-iskemi ta' għajnuna;

(ċ) il-kriterji ta' eliġibilità tas-sajjieda u tal-bastimenti;

(d) l-ammont massimu tal-premium għal sajjied jew għal bastiment partikolari;

(e) l-ammont massimu ta' nefqa eliġibbli għall-għoti ta' għajnuna pubblika għall-modernizzazzjoni ta' bastiment partikolari;

(f) il-limiti tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità u l-kontribuzzjonijiet pubbliċi finanzjarji (nazzjonali, reġjonali jew oħrajn) ta' l-Istat Membru konċernat.

2. Iżda, fil-każ ta' l-għoti ta' premium għall-ħolqien ta' intrapriża konġunta skond il-qafas ta' din l-azzjoni, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tħallas il-premium sħiħ lill-applikant meta l-bastiment jiġi ttrasferit lill-intrapriża konġunta, wara li l-applikant ikun ipprovda xhieda li tkun saret garanzija bankarja għal ammont ugwali għal 40 % tal-premium.

3. Il-*premiums* għall-waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd u l-għajnuniet pubbliċi għall-modernizzazzjoni ta' bastimenti, imħallsa taħt din l-azzjoni, għandhom jitqiesu bħala għajnuna pubblika skond it-tifsira ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999.

Il-kapaċità għas-sajd irtirata skond din il-miżura għandha tikkontribwixxi għall-aġġustament għal-isforz tas-sajd ta' l-Istati Membri konċernati, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999.

Għajnuna pubblika għall-modernizzazzjoni ta' bastimenti, imħallsa taħt din l-azzjoni, hija suġġetta għall-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999.

Għall-għanijiet ta' l-implimentazzjoni ta' din l-azzjoni, il-kumpens imsemmi fl-Artikolu 1 huwa maħsub li jkollu l-istess riżultat finali bħal miżuri soċjo-ekonomiċi msemmija fl-Artikolu 12(3)(a), (b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999.

4. *Premiums* jew għajnuna pubblika mogħtija taħt din l-azzjoni ma jistgħux ikunu kumulattivi ma' premium jew għajnuna pubblika oħra li jkollha l-istess skop, u b'mod partikolari dik mogħtija, fil-kuntest tal-Fondi Strutturali, fl-Istati Membri konċernati.

L-Istati Membri konċernati għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' dan il-paragrafu, u mhux aktar tard minn tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għandhom jikkomunikawhom lill-Kummissjoni.

Artikolu 5

1. L-ammont ta' parteċipazzjoni tal-Komunità allokat għal din l-azzjoni għandu jkun ta' EUR 197 miljuni, imqassam skond il-persentaġġi li ġejjin:

(a) Spanja: 94,6 %;

(b) Portugall: 5,4 %.

▼M1

Fl-allokazzjoni għal Spanja, għandu jiġi riżervat ammont li ma jkunx jaqbeż it-30 miljun Euro għall-miżuri definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2372/2002.

▼B

2. Il-ħlas tal-parteċipazzjoni tal-Komunità msemmija fil-paragrafu 1 għandu jitwettaq mill-Kummissjoni skond ir-rabtiet ta' l-estimi u għandu jiġi indirizzat lill-awtorità ta' ħlas imsemmija fl-Artikolu 6.

Mill-1 ta' Jannar 2002, il-Kummissjoni għandha twettaq ir-rabta ta' l-approprijazzjonijiet imdaħħla fl-estimi ta' l-2002, mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

Ir-rabta ta' l-approprijazzjonijiet imdaħħla fl-Estimi ta' l-2003 bilanċ għandha fil-prinċipju titwettaq qabel it-30 ta' April 2003.

3. Bla ħsara għar-riżorsi ta' l-estimi, il-Kummissjoni għandha tagħmel il-ħlasijiet kif ġej:

(a) ħlas, li jirrappreżenta sa' l-aktar 20 % ta' l-ammonti msemmija fil-paragrafu 1, għandu jitħallas fiż-żmien tar-rabta msemmija fil-paragrafu 2, it-tieni paragrafu;

(b) il-ħlasijiet intermedjarji għandhom isiru fuq talba ta' l-Istat Membru għall-ħlas lura tan-nefqa attwalment imħallsa u ċertifikata mill-awtorità tal-ħlas msemmija fl-Artikolu 6.

It-total kumulattiv tal-ħlasijiet imsemmija fil-punt (a) u dan il-punt għandhom jammontaw l-aktar sa' 80 % ta' l-ammonti msemmija fil-paragrafu 1.

(ċ) Il-ħlas tal-bilanċ għandu jsir fuq it-talba ta' l-Istat Membru, wara li titlesta din il-miżura, jekk;

(i) l-awtorità tal-ħlas tkun bagħtet lill-Kummissjoni prospett ċertifikat tan-nefqa attwalment magħmula;

(ii) ir-rapport finali ta' l-implimentazzjoni jkun intbagħat lill-Kummissjoni u jkun ġie approvat minnha;

(iii) l-Istat Membru jkun bagħat lill-Kummissjoni il-prospett imsemmi fl-Artikolu 38(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999.

▼M2

4. L-ispejjeż li fil-fatt ġew imħallsin mil-benefiċjarju finali mill-1 ta' Lulju 2001 għandhom ikunu eliġibbli għall-kontribut Komunitarju taħt din il-miżura. It-terminu perentorju għal eliġibbiltà ta' l-infiq għandu jkun il-31 ta' Diċembru 2003. Dik id-data għandha tkun il-31 Diċembru 2004 għall-premiums imsejħin fl-Artikolu 12(3)(a), (b) u (ċ).

L-aħħar data għall-għoti lill-Kummissjoni tat-talba għal pagament tal-bilanċ għandha tkun it-30 ta' Ġunju 2004. Dik id-data għandha tkun it-30 ta' Ġunju 2005 għall-premiums imsejħin fl-Artikolu 12(3)(a), (b) u (ċ).

▼B

5. It-talbiet għall-ħlasijiet intermedjarji u għall-ħlas tal-bilanċ għandhom jitħejjew skond il-mudell li jidher fl-Anness II li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 438/2001 ([1]).

Għandhom ikunu sostnuti bil-produzzjoni ta' rapporti ta' progress, f'format elettroniku, skond il-mudell li jidher fl-Anness I li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 366/2001 ([2]).

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 438/2001 tat-2 ta' Marzu 2001 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 fir-rigward ta' l-amministrazzjoni u s-sistemi ta' kontroll għall-għajnuna mogħtija taħt il-Fondi Strutturali (ĠU L 63, tat-3.3.2001, p. 21).

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 366/2001 tal-21 ta' Frar 2001 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-miżuri provduti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2792/1999 (ĠU L 55 of ta' l-24.2.2001, p. 3)

▼B

Artikolu 6

Għall-iskopijiet ta' implimentazzjoni ta' din l-azzjoni, l-awtoritajiet ta' amministrazzjoni u l-awtoritajiet li jħallsu li joperaw fil-kuntest ta' l-intervenzjonijiet tal-fondi strutturali favur is-sajd fi Spanja u l-Portugall matul il-perjodu 2000 sa 2006 għandhom iwettqu l-funzjonijiet attribwiti lilhom bid-disposizzjonijiet relevanti tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999.

Ħlief f' każ ta' disposizzjonijiet kuntrarji li joħorġu minn dan ir-Regolament id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 31 u 33 sa 39 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999, u leġislazzjoni li toħroġ minnu, għandhom jgħoddu.

Artikolu 7

Fejn meħtieġ, ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan it-titolu għandhom jiġu addottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999.

Għal dan il-għan il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-kumitat dwar strutturi għas-sajd u l-akwakultura stabbilit bl-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999.

KAPITOLU IV

DISPOSIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jkun jgħodd mill-1 ta' Lulju 2001.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.